**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 27**

**Avviz Nru: 685/01 JB**

**Philip Bonnici**

**vs**

**Stephen Zahra**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm383.98c (tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-attur f'incident awtomobilistiku fid-9 ta' Gunju 2001 fi G'mangia bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Daewoo Racer bin-numru tar-registrazzjoni MIR 666 u l-vettura proprjeta' tal-attur u misjuqa minn iben l-attur Philip Edward Bonnici tal-marka Lada bin-numru tar-registrazzjoni DAD 553, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort

unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-incident mertu tal-kawza sehh unikament kagun tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

Illi di piu l-konvenut soffra danni konsiderevoli kagun tal-istess incident, u ghalhekk ghamel id-debita kontro-talba.

Bl-ispejjez.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Illi l-kollizzjoni okkorriet fi Triq San Luqa ossia dik it-Triq principali li taghti ghall-isptar. Hija dritta xema; ghalkemm inkrocjata b'diversi toroq sekondarji li joforku fiha. Qed isir din l-enfasi peress li hadd miz-zewg xufiera ma ra lill-iehor jekk mhux fl-agunija tal-kollizzjoni.

L-attur fuq quddiem, il-konvenut warajh. Kien fin-nofs, bl-indicator mixghul biex jindika li ried jaqsam it-triq lejn il-lemin. Il-konsulent qatt ma rah – ma jafx minn fejn gie – jekk kienx ipparkjat jew miexi bil-mod – ma jafx. Dan hu konfermat anki mill-passiggiera tieghu.

Illi ghal darba, t-Tribunal huwa vantaggjat li xehdu zewg xhieda okulari indipendenti mill-partijiet. Sebastian Tufigno u Claudio Tufigno (vide seduta tat-18 t'Ottubru, 2002). Raw lil attur gej, mit-tul bl-indicator tal-lemin mixghul. Il-konvenut kien gej b'certa velocita u l-habta saret waqt li l-attur kien jikser fuq wara. Hadet zewg daqqiet, tant li l-attur spicca fuq l-parapett tax-xhud.

Illi l-konvenut ipprova jallega li l-kontribuzzjoni da part tal-attur ghall-incident kienet doppja ghal tieghu lilu spettanti. F'dan is-sens ghamel referenza ghal fault chart esistenti w applikabbli bejn certi socjetajiet t'assikurazzjoni. Huwa ovvju pero' li apparti konsiderazzjoniet legali ta' non-applikabilita 'per forza di legge' lanqas mhi applikabbli ghal kaz in dezamina. Fl-ewwel lok, e admissis il-konvenut ma kienx fil-karreggjata ta' barra tad-direzzjoni opposta sabiex jaghmel manuvra ta' sorpass. Fit-tieni lok, veru kien l-attur li kien ser jipprova jibdel il-karreggjata, pero' fit-tielet lok il-konvenut ma kienx qed jaghmel sorpass. Dana ma kellux ghalfejn peress li qatt ma rah quddiemu. Allura ma kellhux ghalfejn jadopera l-ebda manuvra ta' sorpass.

Sia l-Highway Code u sia r-regolament tat-traffiku jistipulaw il-procedura ta' kif kellu jagixxi l-attur f'dawk ic-cirkostanzi. Vettura li trid tibdel id-direzzjoni trid taghti pre-avviz sufficjenti lil vetturi ta' warajha tigbed aktar lejn il-crown of the road sabiex tigi sorpossata xellug. F'kaz pero' li qed tigi sorpassata wara debita ndikazzjoni, m'ghandhiex tostakola l-istess sorpass.

Illi t-Tribunal ma jirreaviza l-ebda nuqqas da parti tal-attur, e admissis l-istess xhieda tieghu stess. Dana jfisser li ma kienx qed izomm 'a proper look out' ta' dak li kien qed jigri quddiemu u/jew kien qed izomm 'safe distance' minn dik ta' quddiemu. Fic-cirkostanzi kull responsabbilta' ghandha tigi addebitata unikament lil konvenut.

Relattivament ghat-talba ghal hlas ta' Lm383.98 (tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) bhala danni attrici dawn ma gewx kontestati u qed jigu akkolti. Dwar il-kontro-talba tal-konvenut, jigi relevat li din giet ceduta permezz ta' verbal fis-seduta tad-9 t'April 2002.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm383.98 (tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) in linea ta' dowri.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**